# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Dicembru, 2017.**

**Rikors Numru 249/2017**

**L-Avukat Anton Micallef I.D. 660361 M**
**bhala mandatarju specjali ta' Frank**
**Rafaraci residenti Dubai, U.A.E.**

**vs.**

**Giampaolo Lonzar passaport taljan**
**750637**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat l-20 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz ta' sentenza tat-Tribunal Ordinarju ta' Trieste datat it-30 ta' Novembru, 2016, fl-ismijiet ***Frank Rafaraci e Giampaolo Lonzar*** **numru RG 3022/2013**, dan it-tribunal ikkandanna lill-intimat ihallas hmistax -il elf euro, (€15,000.00), f'danni morali flimkien mal-interessi legali relattiva sal-mument meta r-rikorrenti jigi mhallas, u tliet mija sebgha u tletin euro u sittin centezmu, (€337.60), u elfejn erbgha mija u sbatax -il euro u hamsin centezmu, (€2,417.50), fi spejjez legali;

1.2. Illi l-procedura hi regolata bir-Regolamenti 44/2001 dwar Gurisdizzjoni, Rikonoxximent, u Ezekuzzjoni ta' Sentenzi f'materji civili u kummercjali;

1.3. Illi permezz tar-Regolamenti 1215/2012 EC, ir-Regolamenti 44/2001 jibqa' applikabbli fejn proceduri barranin gew istitwiti qabel l-10 ta' Jannar, 2015;

1.4. Illi r-Regolamenti 44/2001 ghandhom effett dirett fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropeja, u dan, *ai termini* tal-artiklu 249 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropeja;

1.5. Illi skont l-artiklu 38(1) tar-Regolamenti 44/2001, sentenza moghtija fi Stat Membru u hemm ezegwita tista' tigi ezegwita fi Stat Membru iehor meta dikjarata hemm ezegwibbli;

1.6. Illi l-intimat, ghalkemm mhux residenti f'Malta, ghandu diversi assi u flejjes depozitati f'Malta;

1.7. Illi qed jipproduci kopja tal-istess sentenza fuq riferita, (ara foll 3);

1.8. Illi konsegwentement jitlob li din il-qorti:

1.8.1. Tirrikonoxxi s-sentenza Taljana fuq riferita;

1.8.2. Tiddikjara l-istess sentenza enforzabbli u ezegwibbli f'Malta *ai termini* tar-Regolamenti 44/2001;

2. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

3. Tiddikjara li l-istess jissodisfaw ir-Regolamenti fuq indikati;

4.0. Illi in vista tal-istess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

4.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

4.2. Tiddikjara li qed tirrikonoxxi s-sentenza tat-Tribunal Ordinarju ta' Trieste datata t-30 ta' Novembru, 2016, fl-ismijiet Frank Rafaraci e Giampaolo Lonzar numru RG 3022/2013;

4.3. Tiddikjara li l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti hi enforzabbli u ezegwibbli f'Malta ai termini tar-Regolamenti 44/2001 kif sussegwentement riformulati bir-Regolamenti 1215/2012;

4.4. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**